MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2024

Appell Inferjuri Numru 29/2023 LM

**Lorenza Vassallo (K.I. nru. 117254M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Lorenza Vassallo (K.I. nru. 117254M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], fl-24 ta' Novembru, 2023, fi proċeduri li r-rikorrenti fetħet kontra **d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**. Jirriżulta li d-Direttur Ġenerali intimat kien iddeċieda fit-12 ta' Mejju,

2023, li r-rikorrenti mhijiex eliġibbli għall-Pensjoni tar-Romol wara li miet George Vassallo, li miegħu r-rikorrenti kellha relazzjoni ta' żwieġ għal tul ta' żmien, iżda ż-żwieġ tagħhom kien ġie annullat permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Lulju, 1997. L-Arbitru ddeċieda illi:

> "*Illi għalhekk, naturalment, l-Appellanti ma tistax tiġi kkunsidrata bħala l-armla tad-* decujus *mal-mewt tiegħu. Ergo, ma tistax tikkwalifika bħala armla.*
>
> *Decide*
>
> *Għaldaqstant l-Arbitru jiddisponi minn dan l-appell billi:*
>
> *1. Jiċħad l-appell kif dedott;*
>
> *2. Jikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) tat-12 ta' Mejju, 2023."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta' ittra mibgħuta fit-12 ta' Mejju, 2023, r-rikorrenti ġiet infurmata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li t-talba tagħha sabiex tingħata l-Pensjoni tar-Romol ma tistax tintlaqa', għaliex skont l-Att tas-Sigurtà Soċjali [Kap. 318], hija mhijiex ikkunsidrata bħala 'armla'. Ir-rikorrenti ġiet infurmata li skont dan l-Att, 'armla' tfisser konjugi li tibqa' tgħix bħala parti minn koppja miżżewġa, u li qabel romlot kellha jedd legali għall-manteniment mill-konjugi l-ieħor.

3. Fir-rikors tal-appell tagħha quddiem l-Arbitru, ir-rikorrenti qalet li hija ma kienitx taf dwar l-annullament, u l-avukati tagħha ma kienux infurmawha, u saret taf biss meta l-ex raġel tagħha ġie nieqes. Qalet li minn dan iż-żwieġ hija kellha żewġt itfal.

4. Fir-risposta tiegħu, id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb li ladarba r-rikorrenti kellha ż-żwieġ tagħha ddikjarat null, hija mhijiex eliġibbli għall-Pensjoni tar-Romol, la hija reġgħet lura fl-istat li kienet fih qabel iżżewġet.

5. Fl-atti tal-proċeduri quddiem l-Arbitru, ġiet ippreżentata kopja tas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Lulju, 1997 mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, li permezz tagħha ż-żwieġ tal-appellanta ma' żewġha George Vassallo, ġie ddikjarat null. Ġiet ippreżentata wkoll kopja ta' dokument datat 8 ta' Frar, 2023, li jgħid li l-imsemmija sentenza ma ġietx appellata.

## **Id-Deċiżjoni Appellata**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Novembru, 2023, l-Arbitru kkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tat-12 ta' Mejju, 2023, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"L-Arbitru:*

*Ra:*

*Illi l-Appellanti applikat għall-Pensjoni tar-Romol iżda permezz ta' deċiżjoni datata 12 ta' Mejju, 2023, id-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) iddeċieda illi l-appellanti ma tikkwalifikax peress illi hija ma hijiex ikkunsidrata bħala 'armla'.*

*Illi l-appellanti intavolat appell fil-5 ta' Ġunju, 2023.*

*Illi permezz ta' risposta datata 27 ta' Lulju, 2023, id-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) issottometta illi peress illi ż-Żwieġ tal-Appellanti kien ġie ddikjarat null, hija ma kinitx tikkwalifika bħala armla.*

***Fatti tal-Każ***

*Illi l-appellanti kienet miżżewġa lil George Vassallo u permezz ta' sentenza datata 15 ta' Lulju, 1997, iż-żwieġ ġie ddikjarat null. Is-sentenza ma ġietx appellata.*

*Illi l-appellata kellha żewġt itfal minn ma' żewġha.*

*Illi l-appellanti applikat għall-Pensjoni tar-Romol minn ma' żewġha.*

***Kunsiderazzjonijiet***

*Illi l-Pensjoni tar-Romol tippresupponi żwieġ bejn il-partijiet qabel ma tiġi nieqsa persuna mill-koppja.*

*Illi huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana illi Annullament iħassar u jannulla l-effetti kollha taż-żwieġ bejn il-partijiet u ż-żwieġ legalment ma jkunx seħħ.*

*Illi għalkemm l-Appellanti kellha żewġt itfal miż-żwieġ tagħha, dan iż-żwieġ kien ġie ddikjarat null fl-1997. Għalkemm l-Appellanti fis-seduta tad-29 ta' Settembru, 2023 iddikjarat illi hija ma kienitx taf dwar l-Annullament u l-Avukati tagħha ma kinux infurmawha, jibqa' l-fatt illi fl-1997, iż-Żwieġ tagħha ġie ddikjarat null u bla effett.*

*Illi għalhekk, naturalment, l-Appellanti ma tistax tiġi kkunsidrata bħala l-armla tad-decujus mal-mewt tiegħu. Ergo, ma tistax tikkwalifika bħala armla."*

## L-Appell

7. Fir-rikors tal-appell imressaq fil-15 ta' Diċembru, 2023, l-appellanta talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka, tħassar, tannulla u tirrexxindi d-deċiżjoni tal-24 ta' Novembru, 2023 mogħtija mill-Arbitru, u li tilqa' l-appell tagħha.

8. L-appellanta qalet li mhux minnu li *"huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana illi annullament iħassar u jannulla l-effetti kollha taż-żwieġ bejn il-partijiet u ż-żwieġ ma jkunx legalment seħħ",* u għall-kuntrarju, is-sistema legali tagħna tirrikonoxxi l-effetti ta' żwieġ sussegwentement annullat, bħala l-effetti ta' żwieġ putattiv. Qalet li dan huwa kunċett li oriġina fil-Liġi Kanonika, u ilu traspost fil-Liġi Maltija sa minn meta ġie ppromulgat l-Att dwar iż-Żwieġ fl-1975 [Kap. 255]. Qalet li l-Arbitru straħ fuq il-prinċipju *quod nullum est nullum producit effectum,* u li dan huwa prinċipju li jirregola l-liġi ordinarja tal-kuntratti

u tal-obbligazzjonijiet in ġenerali. Qalet li l-kuntratt taż-żwieġ mhuwiex kuntratt ordinarju, iżda huwa kuntratt li japplikaw għalih liġijiet speċjali. Qalet li fejn ikun seħħ żwieġ, anke jekk dan jiġi sussegwentement annullat, iż-żwieġ jibqa' meqjus bħala żwieġ putattiv, u jipproduċi l-effetti legali kollha, sad-data tal-annullament tiegħu. Qalet ukoll li l-artikolu 20 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li żwieġ li jiġi ddikjarat null, jitqies li għandu l-effetti ta' żwieġ validu favur il-miżżewġin jekk is-sentenza ta' nullità tkun saret *res judicata,* meta l-miżżewġin kienu żżewġu *in bona fede.* L-appellanta ċċitat is-sub-inċiżi tal-artikolu 20 tal-Kap. 255, sabiex targumenta li jekk waħda biss mill-partijiet kienet *in bona fede,* dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u ta' uliedha. Qalet li l-liġi tagħna tipprovdi wkoll għal każijiet ta' min jidħol għal żwieġ *in mala fede,* u f'dawk il-każijiet id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali jkun korrett li jiċħad il-Pensjoni tar-Romol, per eżempju fejn ikun hemm żwieġ ta' konvenjenza. Kompliet tgħid li ż-żwieġ tagħha ġie annullat għaliex hija kienet għadha żgħira u immatura, u żżewġet minħabba l-aspettattivi tal-ġenituri tagħha, iżda minkejja dan, hija xorta waħda żżewġet u rabbiet familja mad-*decujus,* u la hi u lanqas dak li kien ir-raġel tagħha, qatt ma ġew mixlija li daħlu għaż-żwieġ *in mala fede.* L-appellanta qalet li l-artikolu 20 tal-Kap. 255 huwa parti mil-liġi tal-pajjiż, u jorbot lid-Direttur Ġenerali appellat bħal ma jorbot lil kull ċittadin, u għalhekk dan ma jistax jiġi injorat mill-appellat.

9. It-tieni aggravju tal-appellanta huwa li d-dritt ta' persuna li kienet parti minn żwieġ li sussegwentement ġie annullat, għall-Pensjoni tar-Romol wara l-mewt tal-parti l-oħra li kienet it-*tax payer,* huwa rradikat fil-fatt li l-flus li ġew ikkontribwiti bħala bolla tas-Sigurtà Soċjali mid-*decujus* qabel ma ġie annullat

iż-żwieġ, kienu flus iġġenerati fiż-żwieġ, u għalhekk kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-miżżewġin. L-appellanta spjegat li l-korollarju taż-żwieġ putattiv, huwa l-fatt li abbażi tal-prinċipji li jirregolaw iż-żwiġijiet putattivi, dak kollu li jaqla' raġel miżżewweġ li ma jkollux separazzjoni tal-beni, jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu, u din il-komunjoni tibqa' teżisti u trid tiġi likwidata anke jekk iż-żwieġ sussegwentement jiġi annullat. Qalet li l-partijiet fi żwieġ li sussegwentement jiġi annullat, xorta jitqiesu komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti li tinħoloq riżultat taż-żwieġ, u din il-komunjoni xorta trid tiġi likwidata permezz ta' proċeduri ta' separazzjoni, indipendentement minn kull dikjarazzjoni ta' annullament li tista' tingħata. L-appellanta qalet li minkejja li l-partijiet isseparaw u l-komunjoni ġiet xolta, din il-likwidazzjoni ma tippreġudikax lill-parti separata milli tikkwalifika għall-Pensjoni tar-Romol, billi l-ebda Qorti ma ddaħħal id-dritt għall-pensjoni fil-pjan tal-qasma tal-komunjoni. Qalet li d-dritt għall-pensjoni, bħala dritt futur u kundizzjonat, ma jistax jiġi likwidat. Qalet ukoll li dan huwa ovvju għaliex il-Qorti ma tistax tkun taf min mill-partijiet ser jiġi nieqes l-ewwel, u abbażi tal-istess kunċett, il-liġi tagħna tipprevedi għall-qsim tal-Pensjoni tar-Romol bejn aktar minn persuna waħda fejn id-*decujus* ikun miżżewweġ aktar minn darba.

10. L-appellanta saħqet li l-pensjoni kontributorja mhijiex pensjoni li l-Gvern ta' Malta jħallas *ex gratia* jew fuq bażi umanitarja, u d-dritt għall-pensjoni kontributorja huwa dritt kweżit, riżultanti minn kuntratt soċjali impost mil-leġislatur, fejn min jaħdem huwa obbligat li jinvesti fi skema pensjonistika amministrata mill-Gvern, indipendentement mir-rieda tiegħu. Qalet li l-inqas ħaġa li jippretendi ċ-ċittadin għalhekk, hija li ma jiġix imċaħħad mid-dritt kweżit

u mill-investiment leġittimu tiegħu. L-appellanta qalet li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li kull ħlas tal-bolla li tkun saret bejn id-data taż-żwieġ u d-data tal-annullament, kien ħlas ta' flus li kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ġġenerati fi żwieġ putattiv. Qalet li kull somma li ħallas George Vassallo bejn l-1971 u l-1997 kienet tal-appellanta daqs kemm kienet tiegħu, u l-investiment u d-dritt kweżit riżultanti baqgħu indiviżi bejn George Vassallo u l-appellanta, in kwantu qatt ma ġew likwidati jew assenjati b'xi mod partikolari.

11. L-appellanta qalet li l-pensjoni kontributorja għandha titqies bħala investiment fuq l-istess bażi ta' kull pensjoni privata jew investiment ieħor bħal kont bankarju jew xiri ta' *stocks* jew *bonds*, u d-differenza hawnhekk hija li filwaqt li investiment simili jidħol fil-likwidazzjoni tal-komunjoni li sseħħ mas-separazzjoni, id-dritt li wieħed jirċievi pensjoni jiddependi minn ġrajja futura li ma tistax tiġi prevista u regolata, u dan id-dritt għalhekk irid jibqa' indiviż. L-appellanta qalet li bid-deċiżjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellat qiegħed jikkontesta l-fatt legali bażilari li d-dħul taxxabbli li abbażi tiegħu titħallas il-bolla, jappartjeni wkoll lill-mara miżżewġa li tibqa' d-dar trabbi lil uliedha, daqs kemm jappartjeni lir-raġel li joħroġ jaħdem.

12. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanta qalet li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat hija diskriminatorja, partikolarment in vista tal-fatt li l-leġislatur qiegħed jirrikonoxxi d-dritt ta' persuni li jikkoabitaw li jirċievu l-Pensjoni tar-Romol, allavolja f'dak il-każ ma jkun hemm l-ebda komunjoni tal-akkwisti li tiġġustifika dan.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet li saru *viva voce*. Id-Direttur Ġenerali appellat ma ppreżenta l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellanta.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Arbitru kellu jikkunsidra li fil-każ odjern kien hemm żwieġ putattiv. Mhux minnu li l-annullament iħassar u jannulla l-effetti kollha taż-żwieġ bejn il-partijiet]*

14. L-appellanta qalet li l-Arbitru kien żbaljat meta fil-konklużjoni tiegħu qal li l-annullament iħassar u jirrevoka l-effetti kollha taż-żwieġ bejn il-partijiet, u dan għaliex fis-sistema tagħna huwa rikonoxxut il-kunċett ta' 'żwieġ putattiv', u għalhekk f'każ li żwieġ jiġi annullat, dan xorta waħda jipproduċi effetti legali sad-data tal-annullament tiegħu, u dan in linea ma' dak li jipprovdi l-artikolu 20 tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Felicity Muscat *vs.* Direttur tal-Finanzi et**[1], fejn ingħad:

> *"Trattat it-tieni aggravju, din il-Qorti tara li żwieġ li jiġi annullat ma jistax jitqies bħallikieku qatt ma sar, jew żwieġ ineżistenti. Il-kuntratt ta' żwieġ huwa annullabbli, jiġifieri jeżisti u jseħħ sakemm ma jiġix imħassar u mwaqqa' għal xi raġuni li ssemmi u trid il-liġi. Żwieġ, hekk imsejjah putattiv, mhux milqut b'nullità assoluta iżda jissussisti sakemm, u ad inizjattiva ta' xi ħadd mill-partijiet interessati, ma jiġix b'ġudikat, annullat. Żwieġ annullabbli, jista' jitqies validu għall-effetti kollha tal-liġi jekk ebda parti interessata ma tipproċedi għad-dikjarazzjoni ta' nullità – ara, għad-*

[1] 26.06.2015.

*differenza bejn nullità ineżistenti u nullità fis-sens ta' annullabilità s-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Frar, 1936, fil-kawża fl-ismijiet* ***Agius v. Ciancio****. Pronunzjament ta' annullament ta' żwieġ ma jistax normalment jaqbad u jikkanċella ex tunc ir-rapport konjugali li jkun ġie maħluq u kkonservat matul l-eżistenza taż-żwieġ.*

*Tradizzjonalment in kwantu għall-effetti ta' dikjarazzjoni ta' nullità ta' żwieġ kienet issir distinzjoni bejn żwieġ annullabbli (voidable) u żwieġ null (void) u din id-distinzjoni jidher li għadha fis-seħħ fl-Att taż-Żwieġ fejn l-istess Att jitkellem fl-artikolu 18 dwar in-nuqqas ta' validità taż-żwieġ għall-kawżi sostanzjali elenkati fl-artikolu 19. Fid-duttrina, id-differenza bejn "att null" u "att annullabbli" ġiet spjegata fis-sens li fil-każ ta' att null dan qatt, sa "mill-bidu" tiegħu, ma jipproduċi effetti legali waqt li fil-każ ta' att annullabbli dan hu att li ġuridikament jibda jipproduċi effetti ġuridiċi u jibqa' jipproduċihom sakemm jiġi annullat mill-Qorti. Inkwantu għall-att taż-żwieġ illum is-sitwazzjoni tal-effetti ġuridiċi taż-żwieġ f'każ ta' dikjarazzjoni ta' nullità, kemm fil-każ ta' żwieġ null kif ukoll fil-każ ta' żwieġ annullabbli, huma espressament regolati bl-Artikolu 20 tal-Att dwar iż-Żwieġ li jirradika l-bażi tad-distinzjoni fuq l-element tal-bona fede tal-partijiet jew ta' xi ħadd minnhom u mhux fuq ix-xorta ta' invalidità tal-att hux null jew annullabbli.*

*Fil-fatt, insibu speċifikat taħt l-artikolu 20 tal-Att dwar iż-Żwieġ li l-annullament taż-żwieġ m'għandux iħassar dawk l-effetti ċivili li jkunu nħolqu u tkattru fil-kors taż-żwieġ bħal per eżempju l-komunjoni tal-akkwisti, l-effetti ċivili patrimonjali, il-leġittimità tal-ulied, id-dritt għal alimenti, meta l-partijiet ikunu in bona fede. Ta' ċertu rilevanza huma wkoll id-dibattiti parlamentari li kienu saru fuq is-suġġett. Infatti, il-Ministru tal-Ġustizzja li kien ippilota l-liġi li daħħlet dan il-kunċett taż-żwieġ putattiv, f'wieħed mid-diskorsi tiegħu (seduta nru. 531 miżmuma fid-29 ta' Lulju, 1981) kien qal li, "*barra minn hekk, qegħdin nieħdu ħsieb – u dan huwa l-ġdid li qed insemmi – li sakemm ikun hemm żwieġ għadu ma ġiex annullat, dak il-perijodu għandu, għall-aspetti ċivili, jitqies li ż-żwieġ eżista."

*Meta l-partijiet jidħlu fiż-żwieġ in bona fede, dan, jekk jiġi annullat, jissejjaħ żwieġ putattiv, u kif jgħid* <u>*Francesco Galgano*</u> *(Diritto Privato paġna 768), "*il matrimonio produce anche fra le parti gli stessi effetti di un matrimonio valido fino alla sentenza". *Li ż-żwieġ jitqies validu* <u>*anke*</u> *għall-partijiet ifisser li jkollu l-effetti tiegħu jibqgħu jgħoddu sal-annullament."*

15. Skont din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, l-effetti tal-annullament ta' żwieġ japplikaw mid-data tal-pronunzjament tal-annullament 'il quddiem. Dan

ifisser Ii l-appellanta hija korretta fil-pretensjoni tagħha, li għall-perijodu mid-data taż-żwieġ tagħha mad-defunt George Vassallo, sakemm ġie annullat iż-żwieġ, hija għandha jedd li tirċievi l-Pensjoni tar-Romol abbażi tal-kontribuzzjonijiet li kien għamel żewġha matul dawk is-snin. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 42A tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, li b'riferiment għas-sitwazzjoni ta' persuni ddivorzjati li jħallu warajhom armla waħda jew aktar, jgħid illi:

> "(1) Meta l-persuna assigurata li mietet tkun, bħala konsegwenza li kienet divorzjata, ħalliet warajha armla waħda jew aktar, il-pensjoni dwar ir-romol għandha tiġi mqassma. Kull armla, ħlief l-armla attwali, għandha tieħu porzjon tal-pensjoni dwar ir-romol li tkun ibbażata fuq il-perijodu rispettiv taż-żwieġ tagħha, jiġifieri:
>
> (a) fil-każ fejn kien hemm divorzju, mid-data taż-żwieġ sad-data tad-divorzju; u
>
> (b) fil-każ fejn kien hemm firda personali, u fejn ma kien jeżisti l-ebda dritt legali għal manteniment favur l-armla, mid-data taż-żwieġ sad-data tal-mewt tal-persuna assigurata."

16. Dan ifisser li l-leġislatur fil-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, jikkontempla sitwazzjoni fejn il-pensjoni ta' persuna assigurata li tiġi nieqsa, tiġi mqassma skont il-perijodu rispettiv taż-żwieġ tal-armla mad-*decujus.* Il-Qorti tqis li dan l-istess prinċipju għandu japplika fil-każ odjern, billi għas-snin li matulhom l-appellanta kienet fi żwieġ hekk imsejjah putattiv mad-*decujus,* din għandha dritt għall-Pensjoni tar-Romol abbażi tal-kontribuzzjonijiet li kienu saru f'dak il-perijodu. Għaldaqstant tqis l-ewwel aggravju tal-appellanta bħala ġustifikat, u tilqgħu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Il-bolla ġġenerata tul il-perijiodu taż-żwieġ putattiv, tħallset minn flus tal-komunjoni]*

17. L-appellanta tikkontendi li l-pensjoni li qiegħda tapplika għaliha, hija jedd kweżit tagħha, stante l-obbligu impost mil-leġislatur fuq kull min iħallas il-bolla, li jħallas il-kontribuzzjonijiet dovuti minnu, u għalhekk għandu jirriżulta li l-bolla li tħallset minn żewġha matul il-perijodu taż-żwieġ hekk imsejjaħ putattiv bejniethom, ikkontribwiet għall-pensjoni li applikat għaliha l-appellanta.

18. Il-Qorti taqbel bi sħiħ ma' dan ir-raġunament legali, li huwa kkristallizzat ukoll fir-rieda tal-leġislatur bil-promulgazzjoni tal-artikolu 42A għall-Kap. 318. Tqis għalhekk li anki dan l-aggravju huwa mistħoqq, u sejra tilqgħu.

*It-Tielet Aggravju:* *[Diskriminazzjoni]*

19. L-appellanta qalet li bil-pożizzjoni li ħa d-Direttur Ġenerali appellat, huwa qiegħed jiddiskrimina fil-konfront tagħha, u dan partikolarment meta llum il-ġurnata huwa rikonoxxut fis-sistema tagħna, li anki persuni li qegħdin jikkoabitaw għandhom dritt għall-Pensjoni tar-Romol f'każ ta' premorjenza tas-sieħeb jew tas-sieħba tagħhom.

20. Il-Qorti tirrileva li kwistjonijiet marbuta ma' diskriminazzjoni għandhom jitqanqlu fil-forum appożitu, u mhux fi proċeduri ta' appell. Madanakollu, qiegħda tirrikonoxxi li l-appellanta għandha raġun fil-pretensjonijiet tagħha, u għalhekk qiegħda tagħti direzzjoni lid-Direttur Ġenerali appellat sabiex

jikkomputa s-sehem tal-Pensjoni tar-Romol li jispetta lill-appellanta abbażi tas-snin li matulhom hija kienet fi żwieġ hekk imsejjaħ putattiv mad-defunt George Vassallo.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tilqgħu, u għaldaqstant tirrevoka, tħassar, tannulla u tirrexxindi d-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**